Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Jurgen Vella]

vs

Carmel Polidano

Kumpilazzjoni Numru: 91/2015

Illum, 9 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel Polidano detentur tal-karta tal-identita` numru 506259M akkuzat talli nhar is-17 ta' Lulju 2014 u fi zminijiet precedenti gewwa l-post 'Montekristo Estates' li jinstab gewwa Triq Hal-Farrug limiti tas-Siggiewi, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess

disposizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda billi:

1) Zamm annimali selvaggi fi stabbilimenti mhux approvati bhala stabbilimenti zoologici li kienu esebiti ghal pubbliku bi ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-Ligi Sussidjarja 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Talli wkoll fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, gieghel annimali (baqar, zwiemel, qtates selvaggi u annimali ohra) isofru minn ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn billi zammhom f'post mhux adekwat bi ksur tal-Artikolu 8(2)(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Talli wkoll fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, bhala s-sid, id-detentur, negozjant jew importatur, id-destinatarju, trasportatur, bejjiegh bl-imnut jew bhala persuna ohra li jkun awtorizzat taht id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji biex jiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwwl Skeda, ghalf tal-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew bhala rapprezentant ta' dawk il-persuni, jew min ikun inkarigat minn xi attivita` veterinarja privata, naqas li josserva kull

obbligazzjoni imposta taht l-imsemmi Att billi ma ddentifikax u/jew irregistrax annimali, u ddikjara c-caqlieq ta' annimali li kienu taht ir-responsabbilta` tieghu, bi ksur tal-Artikolu 35(c)(iii) tal-Kap 437;

4) Talli wkoll fl-istess dtata, hin, lok u cirkostanzi ma zammx il-majjaliet u qazquziet fi gruppi bi ksur tar-Regolament 3(4) tal-S/L 439.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sew jekk bhala persuna li ghandha licenzja jew le skont dawn ir-regolamenti, ittrasferixxa jew gieghel li jigu trasferiti majjali minn post li jkollu licenzja ghal xi post iehor jew ghal biccerija, minghajr ma ha permess bil-miktub biex hekk jaghmel minghand id-Direttur bi ksur tar-Regolament 13 tal-Ligi Sussidjarja 36.28 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr licenzja zamm, rabba jew semmen majjali, sew bhala proprjetarju, proprjetarju f'parti jew bhala li jaghti ghajnuna bi ksur tar-Regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 36.38 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) Talli wkoll fl-siess data, hin, lok u cirkostanzi zamm stabbiliment zoologiku minghajr licenzja u/jew naqas li

jzomm mal-kundizzjonijiet tal-licenzja bi ksur ta' Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gia gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija taht il-Ligi Sussidjarja 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta, tornda lil hati jhallas l-ispejjez kollha maghmula mis-servizzi veterinarji bhala rizultat ta' dak ir-reat kif ukoll ir-revoka tal-permess mahrug taht dawn ir-Regolamenti u l-konfiska, iz-zamma u t-tnehhija tal-*corpus delicti.*

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru 2019 fejn l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat ukoll li ghar-rigward l-aggravju tar-recidiva u a bazi tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell f'kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Grech (App nru. 615/16 deciza fit-28 ta' Gunju 2017) fejn inghad li sentenza li biha tigi inflitta multa ma titqiesx *res judicata* jekk ma jkun hemmx prova ta' dan il-hlas ma titqiesx li hija prova valida ai fini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-kaz is-sentenza giet esebita a folio 284 tal-atti processwali fejn din kienet giet imposta multa izda minn imkien ma giet ippruvata li dik il-multa giet imhallsa u/jew li giet skontata in segwitu ghall-konversjoni tal-istess fi prigunerija. Ghal dawn il-motivi l-addebita tar-recidiva ma tapplikax u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2019 il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet. Pero' jrid jinghad ukoll illi skont xhieda tas-servizzi veterinarji llum il-gurnata l-imputat huwa konformi pjenament mal-ligijiet vigenti. Illi jinghad ukoll illi a rigward l-akkuzi hamsa (5) u sitta (6) dawn gew revokati permezz tal-Avviz Legali 418/14 u ghalhekk gialadarba m'ghadhomx ikkunsidrati bhala reati llum il-gurnata l-imputat ma jistax jinstab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 3 u 4 tal-Ligi Sussidjarja 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(4) tal-Ligi Sussidjarja 439.02 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 45(1) (a) tal-Kapitlu 439

tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat Carmel Polidano hati tal-akkuzi kollha hlief il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzu u l-addebitu tar-recidiva, migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000) multa.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**